# FIL- PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 4 ta’ Ġunju 2024**

**Rikors numru 661/2024**

**Melanie Ebejer KI 469475M nomine**
**vs.**
**Jonathan Attard KI 505783M**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta’ **Melanie Ebejer KI 469475M nomine**;

Rat id-digriet tagħha tad-19 t’April 2024 li permezz tiegħu filwaqt li ordnat notifika immedjata tal-imsemmi rikors lil **Jonathan Attard (KI 505783M)** bi għandu għaxart ijiem żmien biex jippreżenta risposta, ai termini tal-artikolu 875(2) tal-Kap 12 laqgħet provviżorjament it-talba, u appuntat dan ir-rikors għas-smiegħ;

Semgħet is-sottomissjonijiet estensivi tal-Abbli Avukati tal-partijiet waqt is-seduta miżmuma appożitament illum;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

1. L-iskop wara l-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun, li tista’ tkun ta’ preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat b’ mod għalhekk li jiġu mħarsa

b'mod prattiku u effettiv il-jeddijiet reklamati mir-rikorrent pendenti d-determinazzjoni ġudizzjarja tagħhom. Il-ġurisprudenza teħtieġ li r-rikorrent juri kemm li jkollu l-fumus boni iuris, kif ukoll il-periculum in mora.

2. Il-ħruġ ta' dan il-mandat isir biss fejn ir-rikorrent juri:

   (a) li jkun hemm **il-ħtieġa** tiegħu, in kwantu n-nuqqas ta' tqegħid fis-seħħ ta' dik il-miżura inibittiva mitluba minnu jew id-dewmien fil-ħruġ tagħha, jwassal għall-perikolu ta' telf imminenti u irrimedjabbli tal-jeddijiet reklamati mir-rikorrent. Il-**ħtieġa** tal-ħruġ tal-mandat timplika li l-preġudizzju soffert mir-rikorrent f'każ li l-mandat ma jinħariġx ikun reali. B'hekk is-sempliċi biża, suspett, skumdita, inkonvenjent jew diffikultà fuq ir-rikorrent ma humiex meqjusa biżżejjed biex jiġġustifikaw il-ħtieġa għall-ħruġ ta' dan il-mandat. Il-ħtieġa li jinħareġ dan il-mandat biex jitħarsu effettivament il-jeddijiet reklamati tar-rikorrent hija bażata fuq il-periculum in mora;

   (b) li dak il-jedd pretiż mir-rikorrent ikun - oġġettivament u fil-każ konkret - mal-ewwel daqqa t'għajn, verament jeżisti favur tiegħu. F'termini ġuridiċi, ir-rikorrent irid sommarjament jipprova li f'dak il-każ partikolari jkunu jeżistu l-elementi ta' fatt u dritt reklamati minnu sal-grad prima faciae. Allura f'dan is-sens ir-rikorrent għandu juri l-fumus boni iuris.

3. Il-Qorti li tanlizza din it-talba ma għandhiex, u ma tistax, tużurpa r-rwol tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni billi tistħarreġ l-provi fil-meritu dwar l-eżistenza, validità, saħħa jew limiti tal-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. Il-Qorti tiddeċiedi tali talba biss b'mod sommarju wara li tkun tagħti ħarsa lejn dak li jgħidu l-partijiet fiż-żmien qasir stabbilit mill-Liġi. L-ilqugħ ta' dan il-mandat, daqskemm iċ-ċaħda tiegħu ma għandhom ebda piż fuq id-deċiżjoni aħħarija li tkun trid tittieħed fil-meritu.

4. Dan il-mandat jinħareġ biss jekk tiġi stabbilita l-eżistenza tar-rekwiżiti tiegħu kollha. Fil-każ fejn xi wieħed jew iżjed minn dawk ir-rekwiżiti jkunu nieqsa, il-Qorti ma tistax toħroġ dan il-mandat.

5. F'dan is-sens il-ġurisprudenza tgħallem li dan il-mandat huwa miżura straordinarja, t'interpretazzjoni stretta, kif ukoll jikkostitwixxi l-eċċezzjoni aktar milli r-regola.

6. Illi wara li qieset id-dokumenti u s-sottomissjonijiet dettaljati u eruditi tal-abbli difensuri taż-żewġ partijiet din il-Qorti tikkonkludi s-segwenti:

(a) Għalkemm hemm lok għal dibattitu legali approfondit dwar jekk u safejn it-testatriċi kienetx compos mentis, l-analiżi tal-istess teħtieġ stħarriġ fil-meritu tal-vertenza bejn il-partijiet u lil hinn minnha – ħaġa li mhux kompitu ta' din il-Qorti li tagħmel issa.

(b) F'dan l-istadju, mir-rikors promotur, huwa ċar li l-ilment imressaq mir-rikorrenti bil-ġurament tagħha, huwa dirett prinċipalment lejn l-intimat in kwantu huwa l-werriet tad-de cuius in forza tat-testment in atti Edward Flores datat 8 ta' Ġunju 2020. Ir-rikorrenti tgħid li hija sejra tistitwixxi kawża fil-meritu kontra l-intimat biex il-Qorti tiddikjara li minħabba l-istat ta' saħħa mentali ta' ommha u l-kundizzjonijiet li kienet afflitta minnhom, it-testatriċi Josephine Saliba ma kellhiex il-fakulta biex tiddisponi b'testment. L-argument tagħha huwa li hija għandha interess li timpunja dak it-testment in kwantu t-testatriċi kienet tiġi ommha, mentri l-intimat huwa persuna estranea għall-familja tad-de cuius. Ma ssemmi xejn dwar testmenti oħra li saru mid-de cuius qabel dan it-testment li qalet li kienet sejra tipproċedi ġudizjalment kontrih, għajr ċenn ġeneriku fit-trattazzjoni wara li l-punt kien ġie sollevat mill-intimat.

(c) L-intimat jilqa' għall-argument tar-rikorrenti billi jispjega li huwa minnu li huwa ġie maħtur werriet fit-testment imsemmi mir-rikorrenti. Iżda r-rikorrenti ma kellhiex prima facie jedd tipproċedi kontra tiegħu in kwantu fl-istess testment hija mhux biss ġiet diżeredata, iżda d-de cuius kienet għamlet testmenti revokatorji oħra preċedenti fejn kienet ukoll ħatret li xi persuni oħra b'eredi tagħha – apparti li ddiżeredat lir-rikorrenti u lil ħuha.

(d) L-intimat isostni li anke jekk jirnexxielha twaqqa' dak it-testment minnha msemmi fir-rikors, peress li d-de cuius kienet eżegwiet seba' testmenti oħra preċedentement u li fihom, darba wara l-oħra, sa mill-11 t'Ottubru 2010 hija kienet iddeżereditat lir-rikorrenti u lil ħuha għall-raġunijiet identiċi miktuba fit-tmien testment eżegwiti mid-de cuius, ir-rikorrenti xorta waħda ma tkunx tista' tivvanta l-kapaċita ta' werrieta wara li tkun impunjat it-testment imsemmi fir-rikors promotur. Skont l-intimat isegwi

għalhekk li jekk it-testment imsemmi fir-rikors promotur jiġi impunjat, is-suċċessjoni tad-de cuius tiġi regolata bit-testment preċedenti li pero r-rikorrenti fir-rikors tagħha ma għamlet ebda ċenn li kienet sejra tipproċedi fil-meritu kontra tiegħu.

(e) Din il-Qorti rat it-testmenti preċedenti tad-de cuius u li ġew eżebiti mat-tweġiba tal-intimat. Jirriżulta li fit-testment eżegwit fit-2 t'Ottubru 2019 – iġifieri dak immedjatament qabel ma ġie pubblikat l-aħħar testment revokatorju tad-de cuius – l-istess de cuius kienet ukoll istitwiet lill-istess intimat bħala eredi universali tagħha filwaqt li kienet diseredat lir-rikorrenti għall-istess raġunijiet imsemmija fl-aħħar testment tagħha. Dan allura jfisser li jekk, gratia argomenti, hija kellha jedd prima facie tipproċedi ġudizzjalment sabiex timpunja dan l-aħħar testment u tagħmel dan b'suċċess – xorta waħda ma kienetx awtomatikament sejra takkwista l-kapaċita ta' werrieta universali tad-de cuius in kwantu l-kapaċita testamentarja tad-de cuius hija preżunta b'riferenza għall-kull testment li jkun ġie eżegwit, salv naturalment prova kuntrarja.[1] B'hekk impunjat testment, il-Qorti tkun trid tistħarreġ dak li jkun sar qablu.

(f) B'hekk ir-rikorrenti trid imbagħad taffronta l-kwistjoni dwar il-fatt li hija flimkien ma ħuha, ġiet diżeredata ripetutament, f'testment wara l-ieħor, għal tminn darbiet, u dejjem għall-istess raġuni spjegata mid-de cuius. F'dak il-kuntest, il-kwistjoni tal-kapaċita preżunta minnha f'din l-istanza tibqa' tippersisti ma kull testment eżegwit mit-testatriċi.

(g) Stando mal-premessi li fuqhom huwa bażat ir-rikors de quo, id-dokumenti eżebiti u l-fattispecie partikolari, ma jistax jingħad li hija prima facie tgawdi dak il-jedd minnha pretiż, kemm fil-preżent kif

---

[1] Ara : **Angelo Saliba, Vincent Saliba, Lorenza sive Lorna Curmi, Mary Caruana, Antonella Montford, Lorraine Saliba, Saviour sive Sammy Saliba, Astrid Zahra, u b'digriet tal-14 ta' Jannar, 2016 saret ittrasfużjoni tal-ġudizzju fil-persuna ta' Lawrence Saliba, Giuseppe Saliba u George Saliba minflok il-parti l-mejta Angelo Saliba vs. Josephine Saliba** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Novembru 2023 fejn ingħad:

> 14. Bħala daħla, jixraq li jingħad mal-ewwel li "skont il-ġurisprudenza tagħna, hemm preżunzjoni juris tantum illi: "kull min ikun għamel testment huwa kapaċi biex jiddisponi minn beni tiegħu; salv prova kuntrarja". (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Giuseppe Formosa v. Giuseppa Axiak deċiża fl-20 ta' Ġunju, 1938, u dik tal-Prim' Awla talQorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Pawlu Farrugia et v. Carmelo Farrugia et deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2004)" 4 . Huwa wkoll magħruf sewwa li din ilpreżunzjoni m'għandhiex titwarrab faċilment u dan sakemm: "l-inkapaċità ma tkunx tirriżulta b'mod ċert minn fatti preċiżi w univoċi w ma jkunx ġie provat li kienet teżisti fil-mument li t-testatur kien qed jagħmel ittestment" 5 ;

ukoll jekk gratia argomenti hija timpunja t-testment imsemmi minnha fir-rikors, b'suċċess.

(h) Mill-banda l-oħra, huwa minnu dak mistqarr mir-rikorrenta li l-Liġi regolanti l-mandat t'inibizzjoni kif sostitwit bl-emendi introdotti bl-Att XIV tal-2006 ma għadhiex teħtieġ li jkun irid jiġi muri li jekk dak il-mandat ma jinħariġx il-preġudizzju li jinħoloq ma jkollu ebda rimedju għalih għax b'dawk l-emendi illum ir-rikorrent ikun irid juri lil Qorti li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

(i) Fil-fatt kif spjegat iżjed il-fuq, il-Liġi preżenti tagħmel aċċenn fuq il-kunċett tal-ħtieġa li r-rikorrent irid juri li għandu biex jinħareġ dak il-mandat, liema ħtieġa tistrieħ qabel xejn fuq il-presuppost li r-rikorrent għandu l-*fumus boni iuris*. Ġaladarba r-rikorrent juri li *prima facie* għandu dan il-*fumus* – naturalment fil-każ konkret, b'mod oġġettiv u mhux b'mod ipotetiku jew aleatorju – l-analiżi tal-ħtieġa li jinħareġ il-mandat trid xorta waħda ssir mill-Qorti. Ġurisprudenza soda fisret din il-ħtieġa bħala li n-nuqqas ta' tqegħid fis-seħħ ta' dik il-miżura inibittiva mitluba mir-rikorrent jew id-dewmien fil-ħruġ tagħha jkun jista' jwassal għall-perikolu ta' telf imminenti u irrimedjabbli tal-jeddijiet reklamati mir-rikorrent. F'dan is-sens allura l-ġurisprudenza baqgħet tqis il-ħtieġa tal-ħruġ tal-mandat riflessa fil-preġudizzju reali li jkun jista' jsofri r-rikorrent f'każ li l-mandat ma jinħariġx u allura l-konsegwenzi naxxenti mill-periculum in mora. F'dan il-każ, fl-isfond fattwali u legali tal-fattispecie u dak li tinsab fih ir-rikorrenta, prima facie din il-periculum in mora ma jistax jintrabat ma fumus boni iuris.

## Konklużjoni

**Għaldaqstant il-Qorti qegħda tiddeċiedi dan ir-rikors definittivament billi filwaqt li tilqa' l-argument tan-nuqqas ta' jedd prima facie u l-ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat sollevata mill-intimat, tirrevoka d-digriet tagħha tad-19 t'April 2024 fejn kienet laqgħet proviżorjament ir-rikors u konsegwentement tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat tal-inibizzjoni.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a karigu tar-rikorrenta.**

**Tordna notifika ta' dan id-digriet lil partijiet.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**